*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,241, 24 ta' Mejju, 2002*
*Taqsima B*

**A.L. 117 ta' l-2002**

## ATT TA' L-2000 DWAR IL-PRIVATTIVI INDUSTRIJALI (ATT NRU. XVII TA' L-2000)

### Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Privattivi

BIS-SAHHA tas-setgħat lilu mogħtija bl-artikolu 59 ta' l-Att ta' l-2000 dwar il-Privattivi Industrijali, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Privattivi. *Titolu u bidu fis-seħħ.*

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2002.

2. F'dawn ir-regolamenti, "l-Att" tfisser l-Att ta' l-2000 dwar il-Privattivi Industrijali, u l-kliem u l-frażijiet li jintużaw għandu jkollhom l-istess tfisir bħalma hu mogħti lilhom fl-Att, u kull referenza għall-Uffiċċju jew l-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali fil-kuntest ta' l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu għandha tiftiehem bħala waħda għall-Uffiċċju responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' privattivi. *Tifsir.*

3. Il-formoli preskritti huma dawk li jinħarġu jew li jitqiesu aċċettabbli mill-Uffiċċju. *Formoli Preskritti (Artikolu 13(1)).*

4. Id-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar applikazzjoni, reġistrazzjoni jew kull ħaġa oħra taħt l-Att u dawn ir-regoli għandhom ikunu dawk preskritti fl-Iskeda ta' Drittijiet li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. *Drittijiet Preskritti (Artikolu 13(3)).*

5. Komunikazzjoni li ssir taħt dan l-Att tista' tkun fl-ilsien Ingliż jew dak Malti li għandhom jitqiesu bħala l-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju. *Ilsna Preskritti (Artikoli 13(4) u 14(3)(a)).*

6. (1)(a) Meta l-Kontrollur jirriżultalu li, fil-waqt li jirċievi applikazzjoni, il-ħtiġiet imsemmija fl-Artikolu 14 ma jkunux twettqu, huwa għandu jistieden lill-applikant jikkonforma ruħu ma' kull ħtieġa li ma tkunx tħarset fi żmien 60 ġurnata tax-xogħol mid-data meta tkun saret l-istedina. *Dettalji dwar id-Data tal-Preżentata (Artikolu 14).*

(b) Meta stedina taħt l-Artikolu 14(2)(a) ta' l-Att ma tkunx saret għaliex ma jkunux ġew ippreżentati indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-Uffiċċju jistabbilixxi l-identità ta' l-applikant, dik l-applikazzjoni għandha titqiesbħala li ma tkunx ġiet ippreżentata:

Iżda l-kondizzjoni fis-subregolament preċedenti ma tkunx tapplika jekk il-ħtiġiet imsemmija fl-Artikolu 14(1) jkunu tħarsu fi żmien 60 ġurnata mid-data meta xi waħda jew aktar mil
ġew imħarsa.

(2) Meta d-deskrizzjoni tkun tirreferi għal xi disinji li ma jkunux inklużi fl-applikazzjoni, il-Kontrollur għandu jistieden lill-applikant li jipprovdi t-tpinġija li tonqos fi żmien 60 ġurnata tax-xogħol mid-data ta' l-istedina.

Iżda meta:

(a) ma jkunx possibbli li tinħareġ tali stedina għaliex ma jkunux ġew ippreżentati indikazzjonijiet lijkunu juru l-identità ta' l-applikant; jew

(b) id-disinji li jonqos ma jiġux ippreżentati fi żmien 60 ġurnata minn l-ewwel data meta l-emendi imsemmija fl-Artikolu 14(1) ġew riċevuti;

id-data tal-preżentata tkun id-data meta tiġi riċevuta l-applikazzjoni u kull referenza għad-disinji għandha titqies qisha ma saritx.

(3) (a) Meta d-disinn li jonqos jiġi ppreżentat fl-Uffiċċju matul il- perjodu ta' 60 ġurnata tax-xogħol, dak id-disinn għandu jiġi inkluż fl-applikazzjoni, u, bla ħsara għas-subsubregolament (b), id-data tal-preżentata tkun id-data meta l-Uffiċċju jkun irċieva dik il-parti ta' dak id-disinn.

(b) Meta l-parti li jonqos tad-disinn li jonqos tiġi ppreżentata taħt subsubregolament (a) biex tiġi rettifikata din l-ommissjoni minn applikazzjoni li, fid-data meta xi element wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 14(1) ta' l-Att ġew riċevuti għall-ewwel darba mill-Uffiċċju, tkun tvanta l-priorità ta' applikazzjoni iktar
id-data tal-preżentata tiġi milqugħa, fuq talba ta' l-applikant li tiġi ppreżentata fi żmien 60 ġurnata mid-data minn meta l-applikant ikun ġie hekk mistieden li jagħmel mill-Uffiċċju taħt Artikolu 14 (2) ta' l-Att jew meta ma tkun saret ebda stedina bħal dik fi żmien 60 ġurnata mid-data meta xi wieħed jew aktar mill-elementi msemmija fl-Artikolu 14(1) ta' l-Att ikunu ġew riċevuti għall-

ewwel darba mill-Uffiċċju, tkun id-data metajiġu mharsa l-ħtiġiet kollha preskritti bl-Artikolu 14(1) u (3) ta' l-Att:

Iżda wkoll, bla ħsara għall-proviso għar-regolament 20(1):

(i) kopja ta' l-applikazzjoni iktar bikrija għandha tiġi pprezentata matul it-terminu ta' żmien li jkun japplika taħt subsubregolament (a) jew (b);

(ii) kopja ta' l-applikazzjoni iktar bikrija, u d-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni iktar bikrija, validati bħala korretti mill-Uffiċċju fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni iktar bikrija, għandhom jiġu ppreżentati meta ssir stedina mill-Uffiċċju, fi żmien erba' xhur mid-data ta' dik l-istedina, jew mit-terminu ta' żmien li jkun japplika taht ir-regolament 20(1), skond liema jiskadi l-iktar iktar bikrija;

(iii) meta l-applikazzjoni iktar bikrija ma tkunx f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju, għandha tiġi ppreżentata traduzzjoni ta' l-applikazzjoni iktar bikrija matul it-terminu ta' żmien li jkun japplika taħt subsubregolament (a) jew (b);

(iv) il-parti li jonqos tad-deskrizzjoni jew tad-disinn li jonqos għandha tiġi għalkollox inkluża fl-applikazzjoni iktar bikrija;

(v) l-applikazzjoni, fid-data meta xi wieħed jew aktar mill-elementi msemmija fl-Artikolu 14(1) ta' l-Att ġew riċevuti għall-ewwel darba mill-Uffiċċju, kien fiħom indikazzjoni li l-kontenut ta' l-applikazzjoni iktar bikrija kienu mdaħħla b'referenza fl-applikazzjoni;

(vi) għandha tiġi ppreżentata indikazzjoni matul it-terminu ta' żmien li jkun japplika taht subsubregolament (a) jew (b) dwar fejn ikunu jinsabu fl-applikazzjoni iktar bikrija jew fit-traduzzjoni msemmija fil-partita (iii), il-parti li jonqos tad-deskrizzjoni jew id-disinn li jonqos.

7. Jekk xi deskrizzjoni minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1)(ċ) jew f'xi test li jinsab f'xi disinji jkun f'ilsien li majkunx xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju, għandha tiġi depożitata fl-Uffiċċju traduzzjoni ta' dan f'wieħed mill-ilsna uffiċjali fi żmien 60 ġurnata mill-preżentata tad-deskrizzjoni jew tat-test inkwistjoni. Traduzzjoni tad-Deskrizzjonijiet jew tat-Test li jkun fid-Disinn (Artikolu 14(3)(b)).

Applikazzjoni li tkun tirreferi għal materjal bioloġikament riproduċibbli.

8. (1) Meta l-applikazzjoni tkun tirreferi għal materjal bioloġikament riproduċibbli li ma jkunx jista' jiġi żvelat fl-applikazzjoni b'tali mod li min ikun jifhem is-sengħa jkun jista' jwettaq dik l-invenzjoni, u dak il-materjal ma jkunx disponibbli għall-pubbliku, l-applikazzjoni għandha tiġi supplimentata billi dak il-materjal jiġi depożitat
kif provdut fl-Artikolu 7 tat-Trattat ta' Budapest.

(2) It-Trattat ta' Budapest tfisser L-Għarfien Internazzjonali tad-Depożitu ta' Mikro-Organiżmi għall-Fini ta' Proċedura dwar il-Privattivi, magħmula f'Budapest fl-1977.

(3) L-isem ta' l-awtorità u n-numru ta' aċċess tad-depożitu għandhom jingħataw fl-ispeċifikazzjoni ta' l-applikazzjoni.

(4) Id-depożitu msemmi fil-subregolament preċedenti m'għandux isehh iktar tard mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni.

Preżentata ta' Talbiet (Artikolu 16(3)).

9. (1) It-talbiet għandhom jiddefinixxu l-materja li dwarha tkun qegħda tiġi pretiża l-protezzjoni skond il-fattizzi tekniċi ta' l-invenzjoni. Meta jkun hekk adatt, it-talbiet għandu jkun fihom:

(a) dikjarazzjoni li tkun tindika it-tismija tal-materja inkwistjoni ta' l-invenzjoni u dawk il-fattizzi tekniċi li jkunu meħtieġa għad-definizzjoni tal-materja inkwistjoni pretiża, imma li, flimkien, jiffurmaw parti mill-arti prijuri;

(b) porzjon karatterizzanti - preċedut bil-frażi "karatterizzat għaliex" jew "karatterizzat bi" - fejn jiġu dikjarati l-fattizzi tekniċi msemmija fis-subsubregolament (a), u li jkun intiż li tiġi protetta.

(2) Bla ħsara għall-Artikolu 18 applikazzjoni għal privattiva jista' jkun fiha xi żewġ talbiet indipendenti jew iktar fl-istess kategorija (prodott, proċess, apparat jew użu) meta mhux adatta, wara li titqies il-materja inkwistjoni

(3) Talba li tkun tiddikjara l-fattizzi essenzjali ta' invenzjoni tista' tkun ssegwita minn waħda jew aktar talbiet dwar il-kontenut partikolari ta' dik l-invenzjoni.

(4) Talba li tkun tinkludi l-fattizzi kollha ta' xi talba oħra (talba dipendenti) għandu jkun fiha, possibilment fil-bidu tagħha, riferenza għat-talba l-oħra u wara tiddikjara l-fattizzi addizzjonali li tkun qed titlob il-protezzjoni tagħhom. Talba dipendenti tkun ukoll ammissibbli meta t-talba li tkun direttament tirreferi għaliha, tkun fiha onifisha talba dipendenti. Kull talba indipendenti li tkun tirreferi lura

għal talba preċedenti unika, u kull ma jkun jirreferi lura għalih ikunu talbiet preċedenti diversi, għandhom jiġu raggruppati flimkien sa dak il-limitu u bl-iktar mod adatt possibbli.

(5) L-għadd tat-talbiet għandu jkun raġonevoli fil-qies taxxorta ta' invenzjoni li tkun qed tiġi mitluba. Jekk ikun hemm diversi talbiet, dawn għandhom jiġu konsekuttivament enumerati b'numri bliskritt Għarbi.

(6) It-talbiet ma għandhomx, ħlief metajkun assolutament meħtieġ, iserrħu, dwar il-fattizzi tekniċi ta' l-invenzjoni, fuq referenzi għad-deskrizzjoni jew id-disinji. B'mod partikolari, m'għandhomx iserrħu fuq dawk ir-referenzi bħala: "kif deskritt f'parti ... taddeskrizzjoni", jew "kif muri fil-figura... tad-disinji".

Unità ta' l-Invenzjoni (Artikolu 18).

10. Artikolu 18 għandu jifthiehem bħala li hu permess b'mod partikolari li f'applikazzjoni waħda biss għal privattiva jista' jiġi inkluż:

(a) b'żjieda ma' talba indipendenti għal prodott, talba indipendenti għal proċess speċjalment adattat għall-manifattura tal-prodott, u talba indipendenti għal użu tal-prodott; jew

(b) b'żjieda ma' talba indipendenti għal apparat jew mezz speċifikament iddisinjat sabiex isir il-proċess; jew

(c) b'żjieda ma' talba indipendenti għal prodott, talba indipendenti għal proċess speċjalment adattat għall-manifattura tal-prodott, u talba indipendenti għal apparat jew mezz speċifikament iddisinjat biex isir il-proċess.

Talbiet li jinvolvu drittijiet (Artikolu 16).

11. (1) Applikazzjoni għal privattiva li jkun fiha aktar minn għaxar talbiet fil-waqt tal-preżentata għandha, dwar kull talba 'l fuq minn dak in-numru, tkun tinvolvi l-ħlas ta' dritt għal dawk it-talbiet. Id-dritt għat-talbiet għandu jitħallas fi żmien xahar wara l-preżentata ta' l-applikazzjoni.

(2) Jekk id-dritt għat-talbiet li jkun hemm għal xi talba jibqa' ma jitħallasx fiż-żmien dovut, it-talba inkwistjoni għandha titqies li tkun ġiet abbandunata.

Speċifikazzjonijiet.

12. (1) Il-frażi speċifikazzjonijiet għandha titqies li tfisser it-titolu ta' l-invenzjoni, d-deskrizzjoni u t-talbiet u d-disinji, f'dak l-ordni.

(2) It-titolu jkun wieħed qasir u jkun jindika xi tkun il-materja ta' l-invenzjoni.

(3) Id-deskrizzjoni għandha tinkludi lista li tkun turi fil-qosor il-figuri fid-disinji, jekk ikun hemm.

Disinji.

**13.** (1) Id-disinji li jkunu jiffurmaw parti minn applikazzjoni għal privattiva għandhom ikunu fuq folji li l-area li tintuża tas-superfiċi tagħhom ma tkunx teċċedi 26.2ċm bi 17ċm. Il-folji m'għandux ikollhom gwarniċjaturi madwar is-superfiċi li jintuża. Il-marġni minimi jkunu dawn li ġejjin -

| | |
|---|---|
| Fil-wiċċ | 2.5 ċm |
| Fuq ix-xellug | 2.5 ċm |
| Fuq il-lemin | 2.5 ċm |
| Isfel nett | 1.0 ċm |

(2) Id-disinji għandhom isiru kif ġej-

(a) bla ebda kulur b'linji u ħażż li jibqgħu jidhru, suwed, b'densità u swidija suffiċjenti, uniformement ħoxnin u definiti sew hekk li jkunu jippermettu riproduzzjoni suffiċjenti;

(b) *cross-sections* għandhom jiġu indikati billi jsir hatching li ma jkunx itellef milli s-sinjali ta' referenza u l-linji prinċipali jkunu jinqraw sew;

(ċ) l-iskala tad-disinji u l-preċiżjoni ta' l-esekuzzjoni grafika tagħhom għandha tkun tali li riproduzzjoni fotografika b'riduzzjoni lineari fid-daqs għal żewġ-terzi jkun jista' joħroġ id-dettalji kollha hekk li dawn ikunu jistgħu jintgħarfu mingħajr ebda diffikultà. Jekk bħala eċċezzjoni, l-iskala tingħata fuq id-disinn, din għandha tintwera b'mod grafiku;

(d) in-numri, ittri, u sinjali ta' referenza kollha, li jidhru fuq id-disinji għandhom ikunu sempliċi u ċari u parentesi, ċrieki u inverted commas m'għandhomx jintużaw f'assoċjazzjoni ma' numri u ittri;

(e) elementi ta' l-istess figura għandhom ikunu proporzjonati ma' xulxin, kemm-il darba differenza fil-proporzjon tkun indispensabbli biex il-figura tkun waħda ċara;

(f) l-għoli tan-numri u ta' l-ittri m'għandux ikun inqas minn 0.32ċm u sabiex jinkitbu kelmiet fuq id-disinji, għandhom jintużaw l-alfabet Latin u, fejn soltu jsir hekk, dak Grieg;

(ġ) l-istess folja tad-disinji jista' jkun fiha diversi figuri. Meta l-figuri jkunu mpinġija

li jifformaw figura wahda shiha, il-figuri li jkun hemm fuq id-diversi folji ghandhom ikunu hekk irrangati li l-figura kollha kemm hi tista' tigi mmuntata minghajr ma tigi mohbija ebda parti tal-figuri li jkunu f'biccìet. Il-figuri differenti ghandhom ikunu rrangati minghajr ma jinhela ebda spazju, u jkunu separati b'mod car minn xulxin. Il-figuri differenti ghandhom ikunu enumerati konsekuttivament b'numri bl-iskritt Gharbi, indipendentement mill-enumerazzjoni tal-folji;

(h) sinjali ta' referenza li ma jkunux imsemmija fid-deskrizzjoni jew fit-talbiet ma ghandhomx jidhru fid-disinji, u vici-versa. L-istess fattizzi, meta dawn jintwerew permezz ta' sinjali ta' referenza, ghandhom, fit-test kollu ta' l-applikazzjoni, jitfissru bl-istess sinjali;

(i) il-folji tad-disinji ghandhom jigu enumerati skond ir-regolament 15(9).

(3) Flow sheets u djagrammi ghandhom jitqiesu li jkunu disinji ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

14. (1) L-astratt ghandu jibda billi jkun hemm titolu ghall-invenzjoni. L-astratt (Artikolu 17).

(2) L-astratt ghandu jkun fih sommarju konciż tal-materja li jkun hemm fl-ispecifikazzjonijiet. Is-sommarju ghandu jkun jindika l-kamp tekniku li dik l-invenzjoni tkun tappartjeni ghaliha u jkun abbozzat b'tali mod li jkun jippermetti fehim car tal-problema teknika li dik l-invenzjoni tkun tirrigwarda, il-qofol tas-soluzzjoni ghal dik il-problema kif johrog mill-invenzjoni u kull użu principali ta' l-invenzjoni. Meta jkun hekk adatt, l-astratt ghandu jkun fih ukoll l-formula kimika, fost dawk li jkun hemm fl-ispecifikazzjoni, tkun turi bl-ahjar mod xi tkun l-invenzjoni. Ma ghandux ikun fiha dikjarazzjonijiet dwar il-merti jew valuri allegati ta' l-invenzjoni jew dwar l-applikazzjoni spekulattiva taghha.

(3) L-astratt m'ghandux normalment ikollu iktar minn 150 kelma.

(4) Jekk l-ispecifikazzjoni ikun fiha xi disinji, l-applikant ghandu jindika fuq l-astratt il-figura jew, eccezzjonalment, il-figura tad-disinji li jissuggerixxi li ghandhom isiehbu l-astratt meta dan jigi ppubblikat. Il-Kontrollur jista' jiddeciedi li jippubblika xi figura wahda ohra jew aktar jekk huwa jqis li dawn ikunu jikkarratterizzaw ahjar dik l-invenzjoni. Kull element principali msemmi fl-astratt u muri bhala disinn ghandu jkun segwit bis-sinjal ta' referenza użat f'dak id-disinn.

(5) L-astratt għandu jkun hekk abbozzat li jkun jikkostitwixxi strument effiċjenti għall-finijiet ta' riċerka u b'mod partikolari billi jkun possibbli li jiġi valutat jekk ikunx hemm il-ħtieġa li jiġu konsultati l-ispeċifikazzjonijiet.

Id-daqs u l-Preżentazzjoni ta' dokumenti.

**15.** (1) Id-dokumenti kollha (inklużi d-disinji) li jkunu jiffurmaw applikazzjoni għal privattiva jew jissostitwixxu dawk id-dokumenti għandhom ikunu bl-ilsien Ingliż.

(2) Għandhom jiġu ppreżentati żewġ oriġinali ta' l-ispeċifikazzjoni, l-astratt u kull folja li tidħol minnhom.

(3) Id-dokumenti kollha msemmija fis-subregolament (1) hawn qabel għandhom jiġu hekk ippreżentati b'mod li tkun tista' ssir riproduzzjoni diretta minn fuqhom b'ritratt fotografiku, proċessi elettrostatiċi, *photo-offset* u *microfilming*, f'għadd mhux limitat ta' kopji. Il-folji kollha għandhom ikunu ħielsa minn kull ksur, tinja u tikmixa. Għandha tintuża naħa waħda biss tal-folja, ħlief fil-każ ta' talba għall-ħruġ ta' privattiva.

(4) Id-dokumenti msemmija fis-subregolament (1) hawn aktar qabel għandhom isiru fuq karta A4 (29.7ċm X 21ċm) li għandha tkun tista' tiltewa', b'saħħitha, bajda, lixxa, matta u reżistenti. Kull folja (minbarra d-disinji) għandha tintuża bil-partijiet il-qosra tagħha fuq in-naħa ta' fuq u ta' isfel (fil-posizzjoni tagħha wieqfa).

(5) It-talba għall-ħruġ ta' privattiva u d-deskrizzjoni, talbiet, disinji u astratt għandhom dejjem ikunu jibdew fuq folja ġdida. Il-folji għandhom ikunu illegati b'tali mod li jkunu jistgħu faċilment jinqalbu, jiġu separati u jerġgħu jitwaħħlu flimkien.

(6) Bla ħsara għar-regola 13(1), l-inqas marġni għandhom ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Fil-wiċċ | 2.0 ċm |
| Fuq ix-xellug | 2.5 ċm |
| Fuq il-lemin | 2.0 ċm |
| Isfel nett | 2.0 ċm |

(7) Il-marġni tad-dokumenti li jkunu jagħmlu parti mill-applikazzjoni, u tad-dokumenti sostitutivi, għandhom ikunu għalkollox vojta.

(8) Fl-applikazzjoni, ħlief fid-disinji-

(a) il-folji kollha tat-talba għandhom ikunu enumerati b'mod konsekuttiv; u

(b) il-folji l-oħra kollha għandhom ikunu enumerati b'mod konsekuttiv bħala serje separata; u

(c) kull tali enumerazzjoni għandha tkun b'numri bl-iskritt Għarbi li jkunu jidhru fin-naħa ta' fuq tal-folja, fin-nofs, imma mhux fil-marġni ta' fuq.

(9) Kull folja bid-disinji li jkun hemm fl-applikazzjoni għandha tkun enumerata b'mod konsekuttiv bħala serje separata. Dik l-enumerazzjoni għandha tkun b'numri bl-iskritt Għarbi li jkunu jidhru fin-naħa ta' fuq tal-folja, fin-nofs, imma mhux fil-marġni ta' fuq.

(10) Kull dokument (li ma jkunx disinn) imsemmija fis-subregolamenti ta' hawn qabel għandhom ikunu ttajpjati jew stampati b'kulur skur u li majitħassarx bi spazju lineari ta' mill-anqas linja - l u b'karattri li l-ittri kapitali tagħhom majkunux inqas minn 0.21cm għoljin.

(11) It-talba għall-ħruġ ta' privattiva, d-deskrizzjoni, t-talbiet u l-astratt m'għandux ikun fihom disinji. Id-deskrizzjoni, t-talbiet u l-astratt jista' jkun fihom
deskrizzjoni u l-astratt jista' jkun fihom tabelli. It-talbiet jista' jkun fihom tabelli biss jekk il-materja tagħhom inkwistjoni tkun tagħmel l-użu tat-tabelli wieħed mixtieq.

(12) Fid-dokumenti kollha msemmija fis-subregolament (1) hawn qabel, l-unitajiet tal-piż u l-qies għandhom jitfissru skond is-sistema metrika. Jekk tintuża sistema differenti, dawn għandhom ukoll jitfissru skond is-sistema metrika. Temperaturi jitfissru fi gradi Celsius. Dwar valuri fiżiċi oħra, għandhom jintużaw l-unitajiet magħrufa fil-prattika internazzjonali, għal formuli matematiċi is-simboli li jintużaw b'mod ġenerali, u għal formuli matematiċi, għandhom jintużaw dawk il-piżijiet atomiċi u formuli molekulari li jkunu l-iktar jintużaw b'mod ġenerali. Ġeneralment, għandu jsir użu minn frażijiet, sinjali u simboli tekniċi ġeneralment aċċettati fil-qasam inkwistjoni.

(13) Jekk tintuża xi formula jew simbolu fil-kopja ta' l-ispeċifikazzjoni relattiva, li tkun imħejjija bl-istess mod bħad-disinji, din għandha tiġi pprovduta jekk il-Kontrollur hekk jordna.

(14) It-terminologija u s-sinjali għandhom ikunu konsistenti fl-applikazzjoni kollha kemm hi.

(15) Id-dokumenti kollha msemmija fis-subregolament (1) ta' hawn qabel għandhom ikunu raġonevolment ħielsa minn kull tħassir u tibdiliet oħra, sovraskrizzjonijiet u interlineazzjonijiet u għandhom, f'kull każ, ikunu

Dettalji dwar Qsim ta' Applikazzjoni (Artikolu 19).

16. Applikant li jkun jixtieq applikazzjoni tiġi ttrattata bħala applikazzjoni diviżorja għandu jindika:

(i) li jkun jixtieq li l-applikazzjoni tiġi hekk trattata;

(ii) n-numru u data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni li minnha tinqasam l-applikazzjoni.

Spezzjoni ta' Inkartamenti (Artikolu 21).

17. (1) Inkartamenti dwar applikazzjonijiet għal privattivi, li jkunu għadhom ma ġewx ippubblikati, m'għandhomx ikunu disponibbli għall-ispezzjoni mingħajr il-kunsens ta' l-applikant.

(2) Kull min jista' jġib prova li l-applikant ikun invoka d-drittijiet taħt l-applikazzjoni għal privattiva kontrih jista' jingħata li jispezzjona l-inkartamenti qabel il-pubblikazzjoni ta' dik l-applikazzjoni u mingħajr il-kunsens ta' l-applikant.

(3) Meta tiġi ppubblikata applikazzjoni diviżorja, kull min irid jista' jingħata li jispezzjona l-inkartamenti qabel il-pubblikazzjoni iktar bikrija u dan qabel ma dik l-applikazzjoni tiġi ppubblikata u mingħajr il-kunsens ta' l-applikant.

(4) Wara l-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni għal privattiva, l-inkartamenti dwar l-appl
tista' tiġi spezzjonata fuq talba, bla ħsara għar-restrizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti.

Partijiet mill-inkartament m'għandhomx jiġu spezzjonati.

18. Dawn il-partijiet ta' l-inkartament li ġejjin għandhom ikunu esklużi minn kull spezzjoni:

(a) abbozzi ta' deċiżjonijiet u opinjonijiet, u kull dokument ieħor, li jintuża għat-tħejjija ta' deċiżjonijiet u opinjonijiet, li ma jkunux komunikati lill-partijiet;

(b) it-tismijiet ta' l-inventur jekk dan ikun irrinunzja għat-titolu tiegħu bħala inventur;

(ċ) kull dokument ieħor eskluż mill-Kontrollur milli jiġi spezzjonat għaliex spezzjoni bħal dik ma tkunx skond l-għan li tgħarraf lill-pubbliku bl-applikazzjoni għal privattiva jew bil-privattiva li tirriżulta.

Proċeduri għall-ispezzjon ta' inkartamenti.

**19.** (1) L-ispezzjon ta' l-inkartamenti ta' applikazzjonijiet għal privattivi u ta' privattivi għandha tkun tad-dokumenti oriġinali jew ta' kopji tagħhom. Din għandha ssir bla ħlas għall-ħlas ta' xi dritt amministrattiv.

(2) L-ispezzjon għandha ssir fejn ikun jinsab il-post ta' l-Uffiċċju.

(3) Meta dan jintalab, l-ispezzjon ta' l-inkartamenti għandu jsir permezz tal-ħruġ ta' kopji ta' dokumenti mill-inkartament. Dawk il-kopji jingħataw wara li jsir il-ħlas dovut.

(4) L-Uffiċċju għandu joħroġ, meta dan jintalab jagħmel hekk, kopji awtentikati ta' l-applikazzjoni għal privattiva wara li jsir il-ħlas ta' dritt amministrattiv.

(Artikolu 22).

**20.** (1) Kopja ta' l-applikazzjoni iktar Artikolu 22(2) ta' l-Att għandha tiġi ppreżentata fl-Uffiċċju fi żmien 16-il xahar mid-data tal-preżentata ta' dik l-applikazzjoni iktar bikrija jew, meta jkun hemm iktar minn tali applikazzjoni iktar bikrija waħda, mid-data ta' preżentata li tiġi l-aktar iktar bikrija minn dawk l-applikazzjonijiet l-iktar bikrija u dik il-kopja u d-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni iktar bikrija għandhom ikunu validati bħala korretti mill-Uffiċċju li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni iktar bikrija.

(2) Ma jkunx, madankollu, meħtieġ li dik il-kopja awtentikata ta' l-applikazzjoni iktar bikrija u l-validazzjoni tad-data tal-preżentata jiġu ppreżentati fl-Uffiċċju fejn l-applikazzjoni iktar bikrija jew l-applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata qabel, kienu ġew ippreżentati f'dan l-Uffiċċju, jew fejn ikunu disponibbli f'dan l-Uffiċċju minn xi librerija diġitali li tkun aċċettata mill-Uffiċċju għal dak l-għan.

(3) Meta l-applikazzjoni iktar bikrija ma tkunx f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju u l-validità tat-talba għal priorità tkun relevanti għad-determinazzjoni ta' jekk l-invenzjoni inkwistjoni tkunx tista' tingħata privattiva dwarha, għandha tiġi ppreżentata mill-applikant traduzzjoni ta' l-applikazzjoni iktar bikrija msemmija fil-subregolament (1), fuq stedina mill-Uffiċċju fi żmien xahrejn mid-data ta' dik l-istedina jew 16-il xahar mid-data tal-preżentata ta' dik l-applikazzjoni iktar bikrija, skond liema tiskadi l-aktar tard.

(4) Meta l-Uffiċċju jkun jirriżultalu skond l-Artikolu 22(4) ta' l-Att li l-ħtiġiet taħt l-Artikolu 22 jew taħt dan ir-regolament ma jkunux twettqu, dan għandu jistieden lill-applikant jippreżenta l-korrezzjoni meħtieġa fi żmien xahrejn minn din l-istedina.

(5) Meta stedina bħal dik ma tkunx saret, madankollu, għaliex ma jkunux ġew ippreżentati indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-applikant jiġi kkuntattjat mill-Uffiċċju, it-terminu ta' żmien għall-preżentata ta' dik il-korrezzjoni għandu jkun ta' tliet xhur mid-data meta xi wieħed jew aktar mill-elementi msemmija fl-Artikolu 14(1) ta' l-Att jkunu ġew riċevuti għall-ewwel darba mill-Uffiċċju.

(6) Referenza li ssir mal-preżentata ta' applikazzjoni f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju għal xi applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata qabel mill-applikant innifsu jew mill-predeċessur jew mis-suċċessur fit-titlu għandha, għall-finijiet tad-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni, tissostitwixxi d-deskrizzjoni u d-disinji.

Iżda:

(i) din ir-referenza għandha tkun tindika li, għall-finijiet tad-data tal-preżentata, d-deskrizzjoni u d-disinji jiġu sostitwiti b'referenza għal applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata qabel u għandha wkoll tindika n-numru ta' dik l-applikazzjoni, u l-Uffiċċju fejn tkun ġiet ippreżentata dik l-applikazzjoni, kif ukoll id-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata qabel; u

(ii) bla ħsara għall-proviso għas-subregolament (2), kopja awtentikata ta' l-applikazzjoni u, meta l-applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata qabel ma tkunx f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju, traduzzjoni ta' dik l-applikazzjoni li tkun ġiet ippreżentata qabel, għandhom jiġu ppreżentati fl-Uffiċċju fi żmien erba' xhur mid-data meta tkun ġiet riċevuta l-applikazzjoni referenza mill-Uffiċċju.

Meta ma jintlaħqux ħtiġijiet formali (Artikolu 23).

21. Jekk meta l-Kontrollur jirreferi applikazzjoni lil xi eżaminatur, l-eżaminatur jirrapporta lill-Kontrollur li ma jkunux ġew imħarsa l-ħtieġit kollha, l-applikant għandu jingħata opportunità li jagħmel l-osservazzjoniijiet tiegħu fuq ir-rapport u li jemenda l-applikazzjoni fi żmien 60 ġurnata biex hekk jikkonforma ruħu ma' dawk il-ħtieġiet, u jekk l-applikant jonqos milli jagħmel dawk l-emendi l-Kontrollur jista' ma jilqax l-applikazzjoni.

Pubblikazzjoni ta' privattiva (Artikolu 24(2)).

22. (1) Kemm jista' jkun malajr wara li tittieħed id-deċiżjoni li tingħata privattiva l-Kontrollur għandu jippubblika avviż li jkun jgħid dan fil-Gazzetta tal-Gvern jew f'xi pubblikazzjoni uffiċjali oħra li l-Kontrollur jista' jippreskrivi.

(2) Flimkien ma' l-avviż hawn qabel imsemmi u fl-istess pubblikazzjoni l-Kontrollur għandu jippubblika d-dettalji tal-proprjetarju u (jekk dan ikun differenti) l-inventur, it-titolu, l-astratt u kull ħaġa oħra li tikkostitwixxi jew li tkun tirrigwarda l-privattiva li l-Kontrollur fil-fehma tiegħu jkun irid jippubblika.

Pubblikazzjoni ta' Applikazzjoni (Artikolu 25)

**23.** (1) Il-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni għandha ssir fil-Gazzetta tal-Gvern jew f'xi pubblikazzjoni uffiċjali oħra li l-Kontrollur jista' jippreskrivi.

(2) Il-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni għandha tinkludi d-dettalji tal-proprjetarju u (jekk dan ikun differenti) l-inventur, it-titolu, l-astratt kull ħaġa oħra li tikkostitwixxi li l-Kontrollur fil-fehma tiegħu jkun irid jippubblika.

(3) Ġaladarba l-applikazzjoni jew, fil-każ ta' l-Artikolu 25(1), privattiva tiġi ppubblikata, l-ispeċifikazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

Data dovuta preskritta għal Drittijiet ta' Manutenzjoni (Artikolu 26 (2)((3)).

**24.** (1) Jekk ikun meħtieġ li privattiva tibqa' fis-seħħ għal żmien sena oħra wara li tiskadi t-tieni sena jew xi sena li tiġi wara mid-data tal-preżentata, għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal dik il-privattiva kif stabbilita skond l-artikolu minnufih wara, u d-dritt preskritt għat-tiġdid imħallas, fit-tliet xhur li jtemmu bir-raba' anniversarju jew, skond il-każ, l-anniversarju li jiġi wara tad-data meta ssir il-preżentata:

Iżda, meta privattiva tingħata fit-tliet xhur li jtemmu bir-raba' anniversarju jew l-anniversarju li jiġi wara kif jiġi hekk stabbilit jew f'xi żmien wara dan, tista' tiġi ppreżentata talba dwar il-ħames sena jew is-sena li tiġi wara u d-dritt għat-tiġdid preskritt imħallas mhux iktar minn tliet xhur qabel ma tiskadi imma qabel ma jiskadu tliet xhur mid-data meta tingħata l-privattiva.

(2) Malli jirċievi d-dritt għat-tiġdid preskritt, il-Kontrollur għandu (jekk il-privattiva tingħata) joħroġ ċertifikat li jkun sar il-ħlas.

(3) Meta l-perjodu għall-ħlas ta' dritt għal tiġdid skond ma hemm fil-subregolament (1) hawn qabel ikun skada, l-Kontrollur għandu, mhux iżjed tard minn sitt ġimgħat wara l-aħħar data tal-ħlas taħt dak il-subregolament u jekk id-dritt jibqa' ma jitħallasx, jingħata lill-proprjetarju tal-privattiva avviż fejn ifakkru li l-ħlas ikun ilu dovut u bil-konsegwenzi li jiġru jekk dan jibqa' ma jitħallasx.

(4) Il-Kontrollur għandu jibgħat avviż taħt subregolament (3) ta' dan ir-regolament

(a) fl-indirizz speċifikat ta' l-aħħar dritt għal tiġdid; jew

(b) meta jkun ġie lilu notifikat xi indirizz ieħor għal dak l-iskop mill-proprjetarju minn meta jkun sar l-aħħar tiġdid, dak l-indirizz, u, f'kull każ ieħor, l-indirizz fejn għandha ssir in-notifika kif

(5) Talba sabiex jittawwal il-perjodu għall-ħlas tad-dritt għal tiġdid għandu jkollha magħha d-dritt għal tiġdid preskritt u d-dritt addizzjonali preskritt għal pagament tardiv.

Reġistrazzjoni ta' Privattivi (Artikolu 34(2)).

25. (1) Ir-reġistru tal-privattivi għandu jitniżżel fih dan li ġej:

(a) in-numru ta' l-applikazzjoni għal privattiva;

(b) id-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għal privattiva;

(c) it-titolu ta' l-invenzjoni;

(d) il-kodiċi ta' klassifika mogħti lill-applikazzjoni għal privattiva;

(e) l-isem, l-indirizz u l-Istat fejn tkun tinsab ir-residenza jew il-post prinċipali tan-negozju ta' l-applikant għal proprjetarju tal-privattiva;

(f) l-isem, il-kunjom u l-indirizz ta' l-inventur imsemmija mill-applikant għal privattiva jew mill-proprjetarju tal-privattiva kemm-il darba ma jkunx irrinunzja għat-titlu tiegħu ta' inventur;

(g) data ta' priorità (data, Stat u numru ta' l-inkartament ta' l-applikazzjoni preċedenti);

(h) fil-każ ta' diviżjoni ta' l-applikazzjoni għal privattiva, in-numri ta' l-applikazzjonijiet diviżorji;

(i) id-data meta l-applikazzjoni għal privattiva tkun rifjutata, irtirata jew meqjusa li tkun ġiet irtirata;

(j) id-data tal-pubblikazzjoni meta jissemma' li jkun sar il-ħruġ tal-privattiva;

(k) id-data meta jiġu re-integrati d-drittijiet sakemm tkun saret reġistrazzjoni skond l-Artikolu 46(5).

(2) Il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali jista' jiddeċiedi li reġistrazzjonijiet li ma jkunux dawk imsemmija fis-subregolament (1) għandhom isiru fir-Reġistru tal-Privattivi.

(3) Għandhom jingħataw estratti mir-Reġistru meta dawn jintalbu u hekk kif isir il-ħlas tad-dritt preskritt.

*Esplojtazzjoni mill-Gvern jew minn partijiet terzi awtorizzati mill-Gvern (Artikolu 40(1)).*

26. (1) Meta s-sigurezza nazzjonali jew is-sigurtà pubblika tkun hekk teħtieġ, il-Ministru jista' b'avviż jawtorizza, ukoll mingħajr il-qbil tal-proprjetarju tal-privattiva ta' l-applikazzjoni għal privattiva, lil xi aġenzija tal-Gvern jew lil xi persuna imsemmija fl-imsemmi avviż biex jagħmel, juża jew ibiegħ invenzjoni relattiva għal privattiva jew applikazzjoni għal privattiva, bla ħsara għall-ħlas ta' kumpens ekwu lill-proprjetarju tal-privattiva jew lill-applikant għall-privattiva.

(2) L-avviż għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern jew f'xi pubblikazzjoni uffiċjali oħra hekk kif jista' jordna l-Ministru u fih tiġi indikata r-raġuni għall-esplojtazzjoni awtorizzata u safejn din tista' tasal.

*Emendi fil-Privattivi (Artikolu 41(1)).*

27. (1) Talba lill-Kontrollur biex tiġi emendata l-privattiva għandha -

(a) tkun tidentifika b'mod ċar l-emenda proposta u tiddikjara r-raġunijiet għaldaqstant,

(b) tiġi reklamata mill-Kontrollur fil-Pubblikazzjoni Uffiċjali, max-xorta ta' l-emenda proposta.

(2) F'kull waqt fi żmien 60 ġurnata mid-data tar-reklam fil-Pubblikazzjoni Uffiċjali, kulħadd jista' jagħti avviż lill-Kontrollur ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet

(3) Dak l-avviż għandu jkollu miegħu kopja relattiva u jkollu b'sostenn dikjarazzjoni duplikata li tkun tispeċifika għalkollox, il-fatti li fuqhom ikun iserraħ l-opponent u r-rimedju li huwa jkun qed ifittex. Il-Kontrollur għandu jibgħat kopja ta' l-avviż u tad-dikjarazzjoni lill-applikant.

(4) Matul il-perjodu ta' 60 ġurnata li jibdew għaddejjin fid-data meta jintbagħtulu dawk il-kopji, l-applikant għandu, jekk ikun hekk jixtieq li jibqa' għaddej bl-applikazzjoni, jippreżenta kontro-dikjarazzjoni duplikat fejn jispeċifika għalkollox il-għaliex l-oppożizzjoni tkun qegħda tiġi resistita; u l-Kontrollur għandu jibgħat kopja tal-kontro-dikjarazzjoni lill-opponent.

(5) Il-Kontrollur jista' jagħti dawk id-direttivi li jista' jqis li jkunu mebtieġa għar-rigward tal-proċedura sussegwenti. B'mod partikolari jekk jintlaħaq ftehim fi żmien 180 ġurnata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-emenda, huwa jista' jordna li l-ħruġ għandu jiġi rranġat fil-qorti.

(6) Jekk il-Kontrollur ma jirċevix fi żmien 30 ġurnata avviż minghand l-opponent li jkunu inbdew proċeduri fil-qorti minn meta huwa jkun hareġ direttivi taht is-subregolament (5) ta' dan ir-regolament, il-Kontrollur ghandu jibqa' ghaddej b'dik l-emenda.

(7) Il-Kontrollur jista', jekk ikun jidhirlu li jkun hekk xieraq, jehtieġ li l-emenda tintwera fuq kopja ta' l-ispeċifikazzjoni li dwarha tkun mixtieqa li ssir emenda.

(8) Meta speċifikazzjoni tithalla li tiġi emendata, l-applikant ghandu, jekk il-Kontrollur ikun hekk jehtieġ, u f'dak iż-żmien li jiġi stabbilit minnu, jippreżenta speċifikazzjoni ġdida kif emendata, li ghandha tithejja skond ir-regolamenti 12, 13 u 15.

(9) Il-proċedura ta' hawn aktar qabel ghandha wkoll tkun segwita fil-każ ta' l-emendi ordnati mill-Qorti wara proċeduri ta' invalidità; iżda ma tista' ssir ebda oppożizzjoni mis-sid tal-privattiva ghal dawk l-emendi.

Dettalji dwar il-Hatra ta' Aġenti (Artikolu 61).

**28.** (1) Il-hatra ta' agent taht l-Artikolu 61 ta' l-Att ghandha tiġi ppreżentata fl-Uffiċċju f'komunikazzjoni separata (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija bhala "prokura") li tkun iffirmata mill-applikant, mis-sid jew min kull min jista' jkollu interess u li tkun tindika l-isem u l-indirizz ta' l- agent.

(2) (a) Prokura wahda tkun biżżejjed ukoll meta din tkun tirrigwarda iktar minn applikazzjoni jew privattiva wahda ta' l-istess persuna, jew xi applikazzjoni wahda jew aktar u xi privattiva wahda jew aktar ta' l-istess persuna, iżda kull applikazzjoni u privattiva inkwistjoni ghandhom ikunu identifikati fi prokura wahda.

(b) Prokura wahda tkun ukoll suffiċjenti ankè meta din tkun tirrigwarda, bla hsara ghal xi eċċezzjoni li tiġi indikata mill-persuna li tkun qed taghmel il-hatra, kull applikazzjoni jew privattiva eżistenti u futura ta' dik il-persuna.

(ċ) L-Uffiċċju jista' jitlob li, meta dik il-prokura wahda tiġi ppreżentata fuq karta jew kif xort'ohra permess mill-Uffiċċju taht ir-Regolament 6, ghandha tiġi ppreżentata kopja separata taghha ghal kull applikazzjoni u privattiva li din tkun tirrigwarda.

(3) Jekk prokura ma tkunx f'xi wiehed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju, din ghandu jkollha maghha traduzzjoni.

(4) Meta xi waħda jew aktar mill-ħtiġijiet preskritti fl-Artikolu 61 ta' l-Att jew f'dan ir-regolament ma jiġux imħarsa, l-Uffiċċju għandu jistieden lil min jiġi appuntat biex jidher għal ħaddieħor fl-applikazzjoni, lill-applikant, lis-sid jew lil kull min iżjed jista' jkollu interess sabiex jikkonforma ruħu ma' kull ħtieġa bħal dik fi żmien xahrejn minn meta ssirlu l-istedina:

Iżda meta ma tkun saret ebda stedina għaliex l-indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-applikant, lis-sid jew lil kull min iżjed jista' jkollu interess li jkun ikkuntattjat mill-Uffiċċju ma jkunux ġew ippreżentati, it-terminu ta' żmien sabiex titħares dik il-ħtieġa ikun ta' tliet xhur minn meta tkun inbdiet il-proċedura biex issirdi n l-istedina.

29. (1) L-Uffiċċju għandu jaċċetta li ssir il-preżentata tal-komunikazzjoni fuq il-karta jew f'għamla elettronika jew b'mezzi elettroniċi ta' trasmissjoni sakemm din tkun f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju: Kif issir il-komunikazzjoni.

Iżda wkoll, meta t-twassil jew l-ipproċessar ta' komunikazzjoni fuq il-karta, minħabba fix-xotta jew fid-daqs tagħha, titqies li ma tkunx waħda prattika, il-preżentata ta' dik il-komunikazzjoni għandha tkun f'għamla oħra jew permezz ta' xi mezz ieħor ta' trasmissjoni.

(2) L-oriġinal ta' xi dokument li jkun intbagħat permezz tat-telegrafu, *teleprinter, telefacsimile* jew xi mezz ieħor ta' twassil bħal dak, għandu jiġi ppreżentat fuq il-karta flimkien ma' ittra li tintbagħat miegħu u li tkun tidentifika dik it-trasmissjoni ta' aktar qabel ma' l-Uffiċċju fi żmien xahar mid-data tat-trasmissjoni.

30. (1) Għall-finijiet ta' xi komunikazzjoni fuq il-karta, l-Uffiċċju għandu jaċċetta kull għamla ta' firma, sew jekk iffirmata bl-id sew jekk stampata sew jekk ittimbrata, jew l-użu ta' siġill jew ta' bar-coded label sakemm din tkun tħares dawn il-ħtiġiet li ġejjin: Dettalji dwar il-firma ta' Komunikazzjonijiet.

(i) il-firma tal-persuna naturali li tiffirma għandu jkollha magħha indikazzjoni miktuba bl-ittri tal-kunjom jew ta' l-isem prinċipali kif ukoll ta' l-isem jew l-ismijiet mogħtija jew sekondarji ta' dik il-persuna jew, jekk dik il-persuna hekk tagħżel, ta' l-isem jew l-ismijiet li soltu jintużaw minn dik il-persuna kif ukoll indikazzjoni tal-kariga li minħabba fiha dik il-persuna tkun iffirmat, jekk dik il-kariga ma tkunx toħroġ mill-qari tal-komunikazzjoni nnifisha;

(ii) flimkien mal-firma għandu jkun hemm indikazzjoni tad-data meta jkun sar l-iffirmar, u jekk ma jkunx hemm dan, id-data meta tkun waslet il-komunikazzjoni li ġġib il-firma mill-Uffiċċju għandha titqies li tkun id-data meta jitqies li jkun sar l-iffirmar;

Iżda wkoll meta l-persuna naturali li tiffirma l-komunikazzjoni tkun ċittadin ta' Malta u l-indirizz tagħha jkun fuq it-territorju ta' Malta, jew meta l-enti legali li f'isimha tiġi ffirmata l-komunikazzjoni tkun waħda stabbilita taħt il-liġi ta' Malta u jew ikollha domiċilju jew stabbiliment industrijali jew kummerċjali reali u effettiv fuq territorju Malti, għandu jintuża siġill minflok firma oriġinali.

(2) Għall-finijiet ta' komunikazzjoni f'forma elettronika jew b'mezzi ta' trasmissjoni elettroniċi, l-Uffiċċju għandu jikkonsidra tali komunikazzjoni bħala waħda ffirmata jekk ikun hemm rappreżentazzjoni grafika ta' firma li tkun konformi mal-ħtiġiet fil-subregolament (1) u li tidħer fuq dik il-komunikazzjoni hekk kif tiġi riċevuta mill-Uffiċċju:

Iżda meta tali rappreżentazzjoni grafika ta' firma ma tkunx tidher fuq il-komunikazzjoni kif din tiġi riċevuta mill-Uffiċċju, il-komunikazzjoni għandha tiġi ffirmata billi tintuża firma f'forma elettronika.

Dettalji dwar Indikazzjonijiet li għandhom jidhru fuq il-Komunikazzjonijiet.

31. (1) Komunikazzjoni għandu jkun fiha dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin:

(i) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant, is-sid jew persuna interessata oħra;

(ii) in-numru ta' l-applikazzjoni jew tal-privattiva li tkun tirreferixxi għaliha;

(iii) meta l-applikant, is-sid jew il-persuna interessata l-oħra tkun reġistrata ma' l-Uffiċċju, in-numru jew kull indikazzjoni oħra li taħtha huwa jkun hekk reġistrat.

(2) Fil-każ ta' komunikazzjoni minn aġent għall-finijiet ta' proċedura quddiem l-Uffiċċju għandu jkun fiha:

(i) l-isem u l-indirizz ta' l-aġent;

(ii) referenza għall-prokura, jew komunikazzjoni oħra fejn issir jew tkun saret il-ħatra ta' dak l-aġent, u li abbażi tagħha dak l-aġent ikun jaġixxi;

(iii) meta l-aġent ikun reġistrat ma' l-Uffiċċju, in-numru jew kull indikazzjoni oħra li jkun reġistrat taħtha.

(3) Applikant, sid jew persuna oħra interessata għandhom jindikaw f'kull komunikazzjoni, indirizz għall-korrispondenza kif ukoll indirizz għal servizzi legali li għandu jkun fuq it-territorju ta' Malta:

Iżda meta ma jiġi maħtur ebda aġent u applikant, sid jew xi persuna interessata oħra jkunu taw, bħala l-indirizz tagħhom, indirizz fuq it-territorju ta' Malta, l-Uffiċċju jikkonsidra dak l-indirizz bħala l-indirizz għall-korrispondenza jew l-indirizz għal notifiki legali kemm-il darba dak l-applikant, sid jew persona interessata oħra ma tindikax b'mod espress xi indirizz ieħor bħal dak:

Iżda wkoll, meta jinħatar aġent, l-indirizz ta' dak l-aġent għandu jitqies bħala l-indirizz għall-korrispondenza jew l-indirizz għal notifiki legali, kemm-il darba dak l-applikant, sid jew persuna oħra interessata ma tindikax b'mod espress xi indirizz ieħor bħal dak.

(4) Meta xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt il-subregolamenti (1) sa (3) ma jitħarsux f'dak li jirrigwarda l-komunikazzjonijiet, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant, lis-sid jew lill-persuna l-oħra interessata, jikkonformaw ruħhom ma' kull ħtieġa bħal dik, u li jagħmlu osservazzjonijiet, fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina:

Iżda meta ma tkunx saret stedina għaliex l-indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-applikant, lis-sid jew lil xi persuna interessata oħra li tkun ikkuntattjata mill-Uffiċċju ma jkunux ġew ippreżentati, it-terminu ta' żmien għal kull tħaris u osservanza għandu jkun ta' tliet xhur mid-data meta l-komunikazzjoni tkun waslet fl-Uffiċċju.

32. (1) Bla ħsara għal subregolament (3), l-Uffiċċju jista' jtawwal it-terminu ta' żmien stabbilit għat-teħid ta' azzjoni fi proċedura quddiem l-Uffiċċju dwar xi applikazzjoni jew privattiva b'xahrejn mid-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' żmien mhux imtawwal, jekk issir talba għaldaqstant lill-Uffiċċju u li tiġi ppreżentata qabel l-iskadenza tat-terminu ta' żmien u din tkun konformi ma' dawn il-ħtiġiet li ġejjin: Helsien dwar it-Termini ta' żmien.

(i) li tkun iffirmata mill-applikant jew mis-sid;

(ii) li jkun fiha indikazzjoni li tkun titlob l-estensjoni ta' terminu ta' żmien, u identifikazzjoni tat-terminu ta' żmien inkwistjoni.

(2) Bla ħsara għal subregolament (3) u l-artikolu 46 ta' l-Att, meta applikant jew sid ikun naqas milli jikkonforma ruħu ma' xi terminu ta' żmien stabbilit għat-teħid ta' xi azzjoni fi proċedura quddiem l-Uffiċċju dwar xi applikazzjoni jew privattiva, l-Uffiċċju xorta għandu

jibqa' jipproċessa dik l-applikazzjoni jew privattiva u, jekk ikun meħtieġ, l-applikant jew is-sid għandu jkollu d-drittijiet tiegħu reintegrati fir-rigward ta' dik l-applikazzjoni jew privattiva, jekk:

(i) issir talba għaldaqshekk lill-Uffiċċju li tkun iffirmata mill-applikant jew mis-sid u li jkun fiha indikazzjoni li jkun qed jintalab ħelsien dwar non-konformità ma' xi terminu ta' żmien, u identifikazzjoni tat-terminu ta' żmien inkwistjoni;

(ii) it-talba tiġi pprezentata, u l-ħtiġiet kollha li dwarhom it-terminu ta' żmien għall-azzjoni involuta għandhom jitħarsu jsiru, fi żmien xahrejn wara n-notifikazzjoni li ssir mill-Uffiċċju li l-applikant jew is-sid ma jkunux ħarsu t-terminu ta' żmien stabbilit mill-Uffiċċju.

(3) Taħt il-subregolamenti (1) u (2) ta' hawn qabel l-Uffiċċju m'għandux jikkonċedi:

(i) ħelsien għat-tieni darba jew aktar drabi dwar terminu ta' żmien li dwaru jkun diġà ngħata ħelsien taħt il-subregolament (1) jew (2);

(ii) ħelsien għall-preżentata ta' talba għall-ħelsien taħt il-subregolament (1) jew (2) jew talba għar-reintegrazzjoni taħt l-artikolu 46 ta' l-Att;

(iii) ħelsien dwar terminu ta' żmien għall-ħlas ta' drittijiet ta' manutenzjoni;

(iv) ħelsien dwar terminu ta' żmien imsemmi fl-artikolu 22(4) ta' l-Att u r-regolament 33;

(v) ħelsien dwar terminu ta' żmien għal azzjoni fi proċeduri *inter partes*.

(4) Għandu jitħallas dritt skond l-iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għal talbiet li jsiru taħt il-subregolamenti (1) u (2).

(5) Talba taħt subregolament (1) jew (2) ma tistax tiġi rifjutata mingħajr ma l-applikant jew is-sid jingħata l-opportunità jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq ir-rifjut intiż f'terminu ta' żmien raġonevoli.

Dettalji dwar il-Korrezzjoni jew iż-Żjieda ta' Talba għal Priorità u r-Ristorazzjoni ta' Dritt ta' Priorità

**33.** (1) Korrezzjoni ta' talba ta' priorità taħt l-artikolu 22(4) ta' l-Att jew żjieda ta' talba ta' priorità m'għandhiex tiġi aċċettata mill-Uffiċċju meta t-talba għal dik il-korrezzjoni jew dik iż-żjieda tiġi aċċettata wara li l-applikant ikun għamel talba għall-pubblikazzjoni iktar

bikrija jew għall-ipproċessar mgħaġġel jew imħaffef, kemm-il darba dik it-talba għall-pubblikazzjoni iktar bikrija jew għall-ipproċessar mgħaġġel jew imħaffef tkun ġiet irtirata qabel ma jkunu ntemmu l-preparazzjonijiet tekniċi għall-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni.

(2) Ma għandha tintlaqa' ebda talba għall-korrezzjoni ta' talba ta' prijorità taħt l-artikolu 22(4) ta' l-Att jew għall-addizzjoni ta' talba ta' prijorità mill-Uffiċċju kemm-il darba din ma tkunx iffirmata mill-applikant u ppreżentata fi żmien 16-il xahar mid-data ta' prijorità jew, meta l-korrezzjoni jew iż-żjieda jikkawżaw bidla fid-data ta' prijorità, 16-il xahar mid-data ta' prijorità kif tkun ġiet hekk mibdula, skond liema perjodu ta' 16-il xahar ikun jiskadi l-ewwel.

(3) Meta applikazzjoni ("l-applikazzjoni sussegwenti") li tkun titlob jew li setgħet titlob il-prijorità ta' applikazzjoni iktar bikrija jkollha data li tkun aktar tard mid-data meta l-perjodu ta' prijorità tkun skada, imma fi żmien xahrejn mid-data meta l-perjodu ta' prijorità jiskadi, l-Uffiċċju għandu jirristawra d-dritt ta' prijorità, jekk:

(i) talba f'dak is-sens issir lill-Uffiċċju iffirmata mill-applikant u tkun imsieħba, meta l-applikazzjoni ma tkunx talbet il-prijorità ta' l-applikazzjoni iktar bikrija, bit-talba għal prijorità;

(ii) it-talba tiġi ppreżentata fi żmien xahrejn mid-data meta l-perjodu ta' prijorità ikun skada jew iż-żmien meta l-preparazzjonijiet tekniċi għall-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni sussegwenti jkunu ġew kompletati, skond liema tiskadi l-ewwel;

(iii) it-talba tkun tiddikjara r-raġunijiet għan-nuqqas ta' tħaris tal-perjodu ta' prijorità;

(iv) l-Uffiċċju jirriżultalu li n-nuqqas li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni sussegwenti matul il-perjodu ta' prijorità jkun ġara minkejja li tkun ingħatat l-attenzjoni kollha meħtieġa skond iċ-ċirkostanzi jew li ma jkun b'ebda mod intiż.

(4) Meta kopja ta' applikazzjoni iktar bikrija mitluba taħt l-Artikolu 22 (2) ta' l-Att dwar il-Privattivi ma' tiġix ippreżentata fl-Uffiċċju fiż-żmien preskritt fir-Regolamenti 20, l-Uffiċċju għandu jirristawra d-dritt ta' prijorità sakemm:

(i) talba ffirmata mill-applikant f'dak is-sens issir lill-Uffiċċju flimkien ma' indikazzjoni ta' l-Uffiċċju fejn tkun saret it-talba għal kopja ta' l-applikazzjoni iktar bikrija u d-data ta' dik it-talba;

(ii) it-talba tiġi pprezentata matul it-terminu ta' żmien preskritt fir-regolament 20 għall-preżentata ta' kopja ta' l-applikazzjoni iktar bikrija;

(iii) l-Uffiċċju jirriżultalu li t-talba għall-kopja li għandha tiġi pprovduta kienet ġiet ippreżentata fl-Uffiċċju fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni iktar bikrija fi żmien xahrejn qabel l-iskadenza tat-terminu ta' żmien preskritt fir-regolament 20(1); u

(iv) kopja ta' l-applikazzjoni iktar bikrija tiġi ppreżentata fi żmien xahar mid-data meta l-applikant jingħata dik il-kopja mill-Uffiċċju fejn tkun ġiet ippreżentata dik l-applikazzjoni iktar bikrija.

(5) Għandu jitħallas dritt skond l-iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għal talbiet taħt is-subregolamenti (1) sa (4).

(6) Talba taħt is-subregolamenti (1) sa (4) ma tistax tiġi rifjutata, għalkollox jew f'parti minnha, mingħajr ma qabel ma tingħata opportunità lill-parti li tkun qed tagħmel it-talba li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-rifjut intiż f'terminu ta' żmien raġonevoli.

Talba għal Reġistrazzjoni ta' bdil fl- [illegible] indirizz.

34. (1) Meta ma jkun hemm ebda bdil fil-persuna ta' l-applikant jew tas-sid imma jkun hemm bidla fl-isem jew fl-indirizz, talba għal reġistrazzjoni tal-bidla tista' ssir f'komunikazzjoni ffirmata mill-applikant jew mid-sid u għandu jkun fiha dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin:

(i) indikazzjoni fis-sens li tkun qed tintalab reġistrazzjoni ta' bdil fl-isem jew fl-indirizz;

(ii) in-numru ta' l-applikazzjoni jew tal-privattiva inkwistjoni;

(iii) il-bidla li għandha tiġi rreġistrata;

(iv) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant jew tas-sid qabel ma ssir il-bidla.

(2) Għandu jitħallas dritt skond l-iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għal talbiet taħt subregolament (1).

(3) Talba unika tkun biżżejjed ukoll meta l-bidla jkollha x'taqsam sew ma' l-isem sew ma' l-indirizz ta' l-applikant jew tas-sid kif ukoll meta l-bidla jkollha x'taqsam ma' iktar minn applikazzjoni jew privattiva waħda ta' l-istess persuna, jew għal xi applikazzjoni waħda

jew aktaru xi privattiva waħda jew aktar ta' l-istess persuna, b'dan li n-numru ta' kull applikazzjoni u privattiva inkwistjoni għandu jiġi indikat fit-talba:

Iżda meta dik it-talba unika tiġi pprezentata fuq il-karta jew hekk kif xort'oħra jkun permess mill-Uffiċċju taħt ir-regolament 29, kopja separata tagħha għandha tiġi pprezentata għal kull applikazzjoni u privattiva li din tkun tirrigwarda.

(4) Meta xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt is-subregolamenti (1) sa (3) ma jkunux ġew imħarsa, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant jew lis-sid biex jikkonforma ruħu ma' kull tali ħtieġa u li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina.

(5) Meta waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt is-subregolamenti (1) sa (3) ma jkunux ġew imħarsa fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina jew, meta l-indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-Uffiċċju jikkuntattja lill-persuna li tkun għamlet it-talba imsemmija fis-subregolament (1) ma jkunux ġew ipprezentati, fi żmien tliet xhur mid-data meta tkun ġiet riċevuta dik it-talba mill-Uffiċċju, it-talba għandha tiġi rifjutata.

(6) Is-subregolamenti (1) sa (5) għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal kull bidla fl-l-isem jew fl-indirizz ta' l- aġent, u għal kull bidla fl-indirizz għall-korrispondenza jew l-indirizz għal notifiki legali.

Talba għal Reġistrazzjoni ta' Bidla ta' l-Applikant jew tas-Sid.

35. (1) Meta jkun hemm bidla fil-persuna ta' l-applikant jew tas-sid, talba għal reġistrazzjoni tal-bidla tista' ssir f'komunikazzjoni li tkun iffirmata mill-applikant jew mis-sid, jew mill-applikant il-ġdid jew mis-sid il-ġdid, u għandu jkun fiha dawn l-indikazzjonijiet:

(i) indikazzjoni fis-sens li tintalab reġistrazzjoni ta' bidla fl-applikant jew fis-sid;

(ii) in-numru ta' l-applikazzjoni jew tal-privattiva inkwistjoni;

(iii) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant jew tas-sid;

(iv) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant il-ġdid jew tas-sid il-ġdid;

(v) id-data tal-bidla fil-persuna ta' l-applikant jew tas-sid;

(vi) l-isem ta' l-Istat li tiegħu l-applikant il-ġdid jew is-sid il-ġdid ikun ċittadin jekk huwa jkun ċittadin ta' xi Stat, l-isem ta' l-Istat li fih l-applikant il-ġdid jew is-sid il-ġdid ikollu d-domiċilju tiegħu, jekk ikun il-każ, u l-isem ta' l-Istat fejn l-applikant il-ġdid jew is-sid il-ġdid ikollu stabbiliment reali u effettiv industrijali jew kummerċjali, jekk ikun il-każ;

(vii) ir-raġuni għall-bidla mitluba.

(2) Meta l-bidla fl-applikant jew fis-sid tkun toħroġ minn kuntratt, it-talba jista' jkollha magħha, skond ma tagħżel il-parti li tkun qed tagħmel it-talba, xi waħda minn dawn l-affarijiet li ġejjin:

(i) kopja tal-kuntratt, liema kopja tista' tiġi validata, skond ma tagħżel il-parti li tkun qed tagħmel it-talba, minn nutar pubbliku jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra jew minn aġent li jkollu dritt jipprattika quddiem l-Uffiċċju, bħala li jkun konformi mal-kuntratt oriġinali;

(ii) estratt tal-kuntratt li jkun juri l-bidla, liema estratt jista' jkun validat, skond ma tagħżel il-parti li tagħmel it-talba, minn nutar pubbliku jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra jew minn xi aġent li jkollu d-dritt jipprattika quddiem l-Uffiċċju, bħala li jkun estratt veru tal-kuntratt.

(3) Meta l-bidla li ssir fl-applikant jew fis-sid tkun toħroġ minn amalgamazzjoni, jew minn riorganizzazzjoni jew diviżjoni ta' xi entità legali, it-talba għandu jkollha magħha kopja ta' dokument li jinħareġ mir-Reġistratur tal-Kumpanniji li jkun prova ta' l-amalgamazzjoni, jew tar-riorganizzazzjoni jew id-diviżjoni ta' l-entità legali, kif ukoll l-attribuzzjoni ta' drittijiet involuti. Kopja bħal dik tista' tkun validata, jekk il-parti li tkun qed tagħmel it-talba hekk tagħżel, mill-awtorità li tkun ħarġet id-dokument jew minn nutar pubbliku jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra jew minn xi aġent li jkollu d-dritt li jeserċita quddiem l-Uffiċċju, bħala li tkun konformi mad-dokument oriġinali.

(4) Meta l-bidla ta' l-applikant jew tas-sid ma tkunx tirriżulta minn xi kuntratt, amalgamazzjoni, jew ir-riorganizzazzjoni jew il-qasma ta' entità legali, imma tkun tirrisulta minn xi raġuni oħra bħal bl-operat tal-liġi jew b'deċiżjoni tal-qorti, it-talba għandu jkollha magħha kopja ta' dokument li jkun jixhed il-bidla, validati bħala li jkunu konformi mad-dokument oriġinali, skond l-għażla tal-parti li tkun qed tagħmel it-talba, mill-awtorità li tkun ħarġet id-dokument jew minn nutar pubbliku jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra jew minn aġent li jkollu d-dritt jeserċita quddiem l-Uffiċċju.

(5) Meta l-bidla tkun fil-persuna ta' xi wieħed jew aktar mid-diversi applikanti jew sidien konġunti imma mhux kollha kemm huma, għandha tiġi pprovduta lill-Uffiċċju prova dwar il-kunsens għall-bidla ta' applikant jew ta' sid konġunt li dwaru ma jkun hemm ebda bidla.

(6) Dokument ippreżentat taħt il-subregolamenti (2) sa (5) li ma jkunx f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju għandu jkollu miegħu traduzzjoni f'xi waħda minn dawn l-ilsna.

(7) Għandu jitħallas dritt skond l-iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti dwar talbiet li jsiru taħt il-subregolament (1).

(8) Talba unika għandha tkun biżżejjed ukoll meta l-bidla tkun tirrigwarda iktar minn applikazzjoni jew privattiva waħda ta' l-istess persuna, jew xi applikazzjoni waħda jew aktar u xi privattiva waħda jew aktar ta' l-istess persuna, sakemm il-bidla fl-applikant jew fis-sid tkun l-istess għall-applikazzjonijiet u privattivi involuti, u n-numri ta' kull applikazzjoni u privattiva involuti jkunu indikati fit-talba:

Iżda meta dik l-unika talba tiġi ppreżentata fuq il-karta jew hekk kif xort'oħra permess mill-Uffiċċju taħt ir-regolament 29, kopja separata tagħha għandha tiġi ppreżentata għal kull applikazzjoni u privattiva li din tkun tirrigwarda.

(9) Meta xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt is-subregolamenti (1) sa (8) ma jiġux imħarsa, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant jew lis-sid, jikkonforma ruħu ma' kull tali ħtieġa u li jagħmel osservazzjonijiet, fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina.

(10) Meta xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt is-subregolamenti (1) sa (8) ma jitħarsux fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina jew, meta indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-Uffiċċju jikkuntattja lill-persuna li tkun għamlet it-talba ma jkunux ġew ippreżentati fi żmien tliet xhur mid-data meta tkun ġiet riċevuta dik it-talba mill-Uffiċċju, it-talba m'għandhiex tinċaħad.

36. (1) Talba għal reġistrazzjoni ta' liċenza dwar applikazzjoni jew privattiva tista' ssir f'komunikazzjoni ffirmata minn min joħroġ il-liċenza jew mid-detentur ta' liċenza u għandu jkun fiha dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin: *Talba għal Reġistrazzjoni ta' Liċenza.*

(i) indikazzjoni fis-sens li tkun qed tintalab ir-reġistrazzjoni ta' liċenza;

(ii) in-numru ta' l-applikazzjoni jew tal-privattiva inkwistjoni;

(iii) l-isem u l-indirizz ta' min johroġ il-liċenza;

(iv) l-isem u l-indirizz tad-detentur ta' liċenza;

(v) indikazzjoni ta' jekk il-liċenza tkunx waħda esklużiva jew mhux esklużiva;

(vi) l-isem ta' l-Istat li d-detentur ta' liċenza jkun ċittadin tiegħu jekk huwa jkun iċ-ċittadin ta' xi Stat, l-isem ta' l-Istat fejn id-detentur ta' liċenza jkollu d-domiċilju tiegħu, jekk ikun il-każ, u l-isem ta' l-Istat fejn id-detentur ta' liċenza jkollu stabbiliment reali u effettiv industrijali jew kummerċjali, jekk ikun il-każ;

(vii) id-data tal-liċenza u għal kemm żmien iddum.

(2) Meta l-liċenza tkun ftehim liberament magħmul, it-talba għandha tkun imsieħba, jekk il-parti li tagħmel it-talba hekk tagħżel, b'xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

(i) kopja tal-ftehim, liema kopja tista' tiġi validata, jekk il-parti li tagħmel it-talba hekk tagħżel, minn nutar pubbliku jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra jew minn xi aġent li jkollu d-dritt li jeserċita quddiem l-Uffiċċju, bħala li jkun konformi mal-ftehim oriġinali;

(ii) estratt tal-ftehim li jikkonsisti f'dawk il-porzjonijiet ta' dak il-ftehim li jkunu juru d-drittijiet li għalihom ikun hemm liċenza u sa liema limitu, liema estratt jista' jiġi validat, jekk il-parti li tagħmel it-talba hekk tagħżel, minn nutar pubbliku jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra jew minn aġent li jkollu d-dritt jeserċita quddiem l-Uffiċċju, bħala li jkun estratt veru tal-ftehim.

(3) Meta l-liċenza tkun ftehim liberament magħmul, kull applikant, sid, detentur esklużiv ta' liċenza, applikant konġunt, sid konġunt jew detentur esklużiv konġunt ta' liċenza li ma jkunx parti f'dak il-ftehim jista' jagħti l-kunsens tiegħu għar-reġistrazzjoni tal-ftehim f'komunikazzjoni li jagħmel lill-Uffiċċju.

(4) Meta l-liċenza ma tkunx ftehim liberament magħmul, li jirriżulta mill-operat ta' xi liġi jew minn xi deċiżjoni tal-qorti, it-talba għandu jkollha magħha kopja ta' dokument li jkun prova dwar il-liċenza, validata bħala konformi mad-dokument oriġinali, jekk il-parti li tagħmel it-talba hekk tagħżel, mill-awtorità li tkun ħarġet id-dokument jew minn nutar pubbliku jew minn xi awtorità pubblika kompetenti oħra jew minn aġent li jkollu d-dritt jeserċita quddiem l-Uffiċċju.

(5) Dokument ippreżentat taħt subregolamenti (2) sa (4) li ma jkunx f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Uffiċċju għandu jkollu miegħu traduzzjoni f'xi waħda minn dawn il-lingwi.

(6) Għandu jitħallas dritt skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti dwar dawk it-talbiet li jsiru taħt is-subregolament (1).

(7) Talba unika tkun biżżejjed ukoll fejn ir-reġistrazzjoni tal-liċenza tkun tirrigwarda iktar minn applikazzjoni jew privattiva waħda ta' l-istess persuna, jew għal xi applikazzjoni waħda jew aktar u għal xi privattiva waħda jew aktar ta' l-istess persuna, sakemm ir-reġistrazzjoni tal-liċenza tkun l-istess għall-applikazzjonijiet u l-privattivi inkwistjoni, u jiġu indikati n-numri ta' kull applikazzjoni u privattiva inkwistjoni fit-talba:

Iżda meta dik it-talba unika tiġi ppreżentata fuq karta jew b'dak il-mod li jista' jkun xort'oħra permess mill-Uffiċċju taħt ir-regolament 29, għandha tiġi ppreżentata kopja separata tagħha għal kull applikazzjoni u privattiva li tkun tirrigwarda.

(8) Meta ma jitħarsux xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt is-subregolamenti (1) sa (7), l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant jew lis-sid biex jikkonforma ruħu ma' kull tali ħtieġa u li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina.

(9) Meta ma jitħarsux xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt subregolamenti (1) sa (7) fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina jew, meta l-indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-Uffiċċju jikkuntattja lill-persuna li tkun għamlet it-talba ma jkunux ġew ippreżentati, fi żmien tliet xhur mid-data meta dik it-talba tkun ġiet riċevuta mill-Uffiċċju, it-talba għandha tinċaħad.

(10) Is-subregolamenti (1) sa (9) għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal talbiet għat-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' liċenza dwar applikazzjoni jew privattiva.

37. (1) Meta applikazzjoni, privattiva jew xi talba komunikata lill-Uffiċċju dwar applikazzjoni jew privattiva jkun fiha xi żball, li ma jkollux x'jaqsam ma' riċerka jew eżami sostantiv, li jkun korreġġibbli mill-Uffiċċju taħt l-Att, l-Uffiċċju għandu jaċċetta dik it-talba għall- Talba għal Korrezzjoni ta' Żball.

korrezzjoni ta' dak l-iżball fir-records u l-pubblikazzjonijiet ta' l-Uffiċċju jsiru f'komunikazzjoni lill-Uffiċċju ffirmata mill-applikant jew mis-sid u li jkun fiha dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin:

(i) indikazzjoni fis-sens li tkun qed tintalab korrezzjoni ta' l-iżball;

(ii) in-numru ta' l-applikazzjoni jew tal-privattiva inkwistjoni;

(iii) l-iżball li għandu jiġi korrett;

(iv) il-korrezzjoni li għandha ssir;

(v) l-isem u l-indirizz tal-parti li tagħmel it-talba.

(2) It-talba għandu jkollha magħha emenda sostitutiva jew b'emenda li tkun tinkorpora l-korrezzjoni jew, meta jkun japplika s-subregolament (5), emenda sostitutiva jew b'emenda li tkun tinkorpora l-korrezzjoni għal kull applikazzjoni u privattiva li dwarha tkun qed issir it-talba.

(3) It-talba għandha tkun suġġetta għal dikjarazzjoni mill-parti li tkun qed tagħmel it-talba fejn tistqarr li l-iżball ikun wieħed bonafidi u dan mingħajr ebda dewmien mhux dovut jew intiż, wara li jinkixef l-iżball.

(4) Għandu jitħallas skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti dwar talbiet li jsiru taħt is-subregolament (1).

(5) L-Uffiċċju għandu jikkoreġi l-iżbalji tiegħu nnifsu *ex officio* jew kull meta dan jintalab, bla ebda ħlas.

(6) Talba unika tkun biżżejjed ukoll meta l-korrezzjoni ta' l-iżball tkun dwar iktar minn applikazzjoni jew privattiva waħda ta' l-istess persuna, jew dwar xi applikazzjoni waħda jew aktar u xi privattiva waħda jew aktar ta' l-istess persuna, iżda l-iżball u l-korrezzjoni mitluba huma l-istess għall-applikazzjonijiet u l-privattivi kollha inkwistjoni, u

n-numri ta' l-applikazzjonijiet u l-privattivi kollha inkwistjoni jkunu indikati fit-talba.

(7) Meta dik it-talba unika tiġi ppreżentata fuq il-karta jew kif xort'oħra permess mill-Uffiċċju taħt ir-regolament 29, kopja separata tagħha għandha tiġi ppreżentata għal kull applikazzjoni u privattiva li tkun tirreferi għaliha.

(8) Meta ma jitħarsux xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt is-subregolamenti (1) sa (5), l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant jew lis-sid jikkonformaw ruħhom ma' kull tali ħtieġa u li jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina.

(9) Meta ma jitħarsux xi waħda jew aktar mill-ħtiġiet taħt is-subregolamenti (1) sa (5) fi żmien xahrejn mid-data ta' l-istedina jew, meta ma jkunux ġew ippreżentati indikazzjonijiet li jkunu jippermettu lill-Uffiċċju jikkuntattja lill-persuna li tkun għamlet it-talba, fi żmien tliet xhur mid-data meta t-talba tkun ġiet riċevuta mill-Uffiċċju, dik it-talba għandha tiġi miċħuda.

**38.** Meta jkun meħtieġ li applikazzjoni tiġi identifikata bin-numru tagħha ta' l-applikazzjoni, imma dak in-numru jkun għadu ma nħariġx jew ma jkunx magħruf mill-persuna involuta jew mir-rappreżentant tagħha, l-applikazzjoni għandha titqies bħala waħda identifikata jekk jiġi pprovdut xi element minn dawn li ġejjin, skond ma tagħżel dik il-persuna: Mod kif tiġi identifikata Applikazzjoni Mingħajr Numru ta' Applikazzjoni.

(i) numru provviżorju għall-applikazzjoni, jekk ikun il-każ, li jingħata mill-Uffiċċju;

(ii) kopja tal-parti ta' l-applikazzjoni fejn issir it-talba flimkien mad-data meta l-applikazzjoni tkun intbagħtet l-Uffiċċju;

(iii) numru ta' referenza li jingħata lill-applikazzjoni mill-applikant jew mill-aġent tiegħu u li jkun indikat fl-applikazzjoni, flimkien ma' l-isem u l-indirizz ta' l-applikant, it-titolu ta' l-invenzjoni u d-data meta l-applikazzjoni tkun intbagħtet l-Uffiċċju.

Drittijiet.

**39.** Id-drittijiet li jitħallsu dwar xi applikazzjoni, reġistrazzjoni jew xi materja oħra taħt l-Att u dawn ir-regolamenti għandhom ikunu dawk imniżżlin fl-Iskeda ta' Drittijiet li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

## SKEDA TA' DRITTIJIET

### (Dwar Istrumenti għar-Reġistrazzjoni ta' Privattivi)

| | | Lm |
|---|---|---|
| 1. | Dritt għall-preżentata ta' applikazzjoni għal privattiva (Artikolu 13(3)) | 25 |
| 2. | Konċessjoni ta' privattiva (Artikolu 24(1)) | 25 |
| | | **50** |
| 3. | Meta ssir talba għall-irtirar ta' l-applikazzjoni (Artikolu 20(3)) | 10 |
| 4. | Meta ssir talba għal korrezzjoni jew żjieda f'talba ta' priorità jew ir-ristawrazzjoni ta' drittijiet ta' priorità (Artikolu 22(4) u Regolament 10(1) - (4)) | 10 |
| 5. | Dritt għal talbiet, meta applikazzjoni għal privattiva jkun fiha aktar minn 10 talbiet (Artikolu 16, Regolament 11) | 10 |
| 6. | Meta ssir talba biex applikazzjoni tiġi ttrattata bħala applikazzjoni diviżorja (Artikolu 19, Regolament 16) | 25 |
| | Għal kull talba oħra biex l-applikazzjoni tiġi ttattata bħala applikazzjoni diviżorja magħmula fl-istess żmien | 15 |
| 7. | Dritt għal riċerka jew spezzjon (għal kull applikazzjoni jew dokument ta' privattiva) (Artikolu 21, Regolament 19 (1)) | 5 |
| 8. | Għal kopji ta' dokumenti minn Inkartament - għal kull paġna (Regolament 19 (3)) | 50 ċenteżmu |
| 9. | Għal xi ċertifikat maħruġ mill-Kontrollur (Regolament 19 (4)) | 5 |
| 10. | Meta ssir talba għal emenda ta' l-applikazzjoni sabiex jitwettqu l-ħtiġiet formali (Artikolu 23, Regolament 21) | 10 |
| 11. | Drittijiet ta' Manutenzjoni (Artikolu 26(2), Regolament 24) | |
| | qabel l-iskadenza tat-2 sena mid-data tal-preżentata, dwar it-3 sena | 15 |
| | qabel l-iskadenza tat-3 sena mid-data tal-preżentata, dwar ir-4 sena | 20 |
| | qabel l-iskadenza tar-4 sena mid-data tal-preżentata, dwar il-5 sena | 25 |
| | qabel l-iskadenza tal-5 sena mid-data tal-preżentata, dwar is-6 sena | 30 |
| | qabel l-iskadenza tas-6 sena mid-data tal-preżentata, dwar is-7 sena | 35 |
| | qabel l-iskadenza tas-7 sena mid-data tal-preżentata, dwar it-8 sena | 40 |
| | qabel l-iskadenza tat-8 sena mid-data tal-preżentata, dwar id-9 sena | 45 |
| | qabel l-iskadenza tad-9 sena mid-data tal-preżentata, dwar l-10 sena | 50 |
| | qabel l-iskadenza ta' l-10 sena mid-data tal-preżentata, dwar il-11-il sena | 55 |
| | qabel l-iskadenza tal-11-il sena mid-data tal-preżentata, dwar it-12-il sena | 60 |
| | qabel l-iskadenza tat-12-il sena mid-data tal-preżentata, dwar it-13-il sena | 65 |

| | | |
|---|---|---|
| | qabel l-iskadenza tat-13-il sena mid-data tal-preżentata, dwar l- | 70 |
| | qabel l-iskadenza ta' l-14-il sena mid-data tal - 15-il sena | 75 |
| | qabel l-iskadenza tal-15-il sena mid-data tal is- 16-il sena | 80 |
| | qabel l-iskadenza tas-16-il sena mid-data tal dwar is- 17-il sena | 85 |
| | qabel l-iskadenza tas-17-il sena mid-data tal t- 18-il sena | 90 |
| | qabel l-iskadenza tat-18-il sena mid-data tal preżentata, dwar id- 19-il sena | 95 |
| | qabel l-iskadenza l- 20 sena | 100 |
| 12. | Sovrataxxa, meta jitħallas dritt ta' manutenzjoni: | |
| | fi żmien xahar mid-data dovuta | 5 |
| | fi żmien xahrejn mid-data dovuta | 7 |
| | fi żmien 3 xhur mid-data dovuta | 10 |
| | fi żmien 4 xhur mid-data dovuta | 14 |
| | fi żmien 5 xhur mid-data dovuta | 19 |
| | fi żmien 6 xhur mid-data dovuta | 25 |
| | (Artikolu 26(3), Regolament 24 (5)) | |
| 13. | Għal xi estratt mir-reġistru (Regolament 25 (3)) | 5 |
| 14. | Meta ssir talba sabiex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet ta' privattiva ((Artikolu 41(1), Regolament 27(1) | 10 |
| 15. | Meta ssir oppożizzjoni għall-emenda ta' l-ispeċifikazzjoni (Regolament 27 (2)) | 15 |
| 16. | Meta ssir talba għal estensjoni ta' terminu ta' żmien, stabbilit għal xi azzjoni fi proċedura li ssir quddiem l-Uffiċċju, dwar applikazzjoni jew privattiva, sa xahrejn mid-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' żmien mhux imtawwal. ( Regolament 32(1)) | 10 |
| 17. | Meta ssir talba għal reintegrazzjoni ta' drittijiet bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' tħaris ta' terminu ta' żmien stabbilit għal azzjoni fi procedura quddiem l-Ufficcju (Artikolu 46(1) Regolament 32(2)) | 10 |
| 18. | Meta ssir talba għal reġistrazzjoni ta': | |
| | bdil fl-isem, għal kull wieħed | 5 |
| | bdil fl-indirizz , għal kull wieħed | 5 |
| | (Regolament 34) | |
| 19. | Meta ssir talba għal reġistrazzjoni ta' bidla f'min japplika jew fis-sid (i.e. bi trasferiment, amalgamazzjoni, ordni tal-qorti, eċċ.) | 25 |
| | għal kull applikazzjoni jew privattiva oħra li tkun trasferita fl-istess żmien (Artikolu 31(2), Regolament 35) | 5 |
| 20. | Meta ssir talba għal reġistrazzjoni ta' liċenza jew għat-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' liċenza | 25 |
| | għal kull applikazzjoni jew privattiva oħra li tkun qed tingħata liċenza fl-istess żmien jew għal xi tħassir ieħor ta' liċenza li jkun qed isir fl-istess żmien (Artikolu 35(3), Regolament 36) | 5 |
| 21. | Meta ssir talba għal korrezzjoni ta' żball fl-applikazzjoni, fi privattiva jew f'xi talba bħal dik komunikata lill-Uffiċċju u li tkun tista' tiġi korretta mill-Uffiċċju (Regolament 37) | 10 |